VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,566, 3 ta' Mejju, 2016*
*Taqsima B*

**A.L. 142 tal-2016**

**ATT DWAR L-EDUKAZZJONI**
**(KAP. 327)**

**L-Istatut biex jemenda l-Istatut għaċ-Ċentru għar-Reżiljenza u s-Saħħa Emozzjonali u Soċjali**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga l-istatut li ġej magħmul mill-Kunsill tal-Università ta' Malta bis-saħħa mogħtija lilu bl-artikoli 72(h), 75(2), 77(c)(d) u 136(3) ta' dak l-Att:

**It-Titolu**

1. Dan l-istatut jista' jissejjaħ l-Istatut biex jemenda l-Istatut għaċ-Ċentru għar-Reżiljenza u s-Saħħa Emozzjonali u Soċjali, u għandu jinqara u jinftiehem bħala ħaġa waħda mal-Istatut għaċ-Ċentru għar-Reżiljenza u s-Saħħa Emozzjonali u Soċjali, ippubblikat bħala Avviż Legali 322 tal-2009, li minn hawn 'il quddiem jissejjaħ "l-istatut prinċipali".

**L-Applikabilità**

2. Dan l-istatut għandu japplika mil-15 ta' Frar 2016 'il quddiem.

**L-Emenda għall-artikolu 3 tal-istatut prinċipali**

3. Minflok l-artikolu 3 tal-istatut prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. Iċ-Ċentru jitmexxa minn Bord li jkun magħmul kif ġej:

(i) Chairman: Ir-Rettur jew id-delegat tiegħu;
(ii) Viċi-Chairman: Id-Direttur taċ-Ċentru;
(iii) persuna maħtura mill-Kunsill tal-Università;
(iv) persuna maħtura mis-Senat tal-Università;
(v) mhux aktar minn żewġ rappreżentanti tal-istaff akkademiku mill-Fakultà tal-Edukazzjoni u/jew mill-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà li huma assoċjati mal-attivitajiet taċ-Ċentru;
(vi) persuna maħtura mid-Direttorat tal-Edukazzjoni;
(vii) mhux aktar minn żewġ rappreżentanti tal-istudenti rreġistrati fiċ-Ċentru;
(viii) riċerkatur appuntat mill-ENSEC, għaqda ta' riċerkaturi u prattikanti Ewropej li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa emozzjonali u soċjali fost it-tfal u ż-żgħażagħ; u
(ix) mhux aktar minn żewġ studjuži ta' fama rrikkmandati mill-Bord u approvati mis-Senat.

Ir-Reġistratur jew id-delegat tiegħu jservi bħala s-Segretarju tal-Bord."